# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM il-Ħamis, 14 ta' Jannar, 2021**

**Rikors Nru. 742/20JRM**

Fl-atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Kontro-Mandat għall-Mandat ta' Sekwestru Numru 1000/20 fl-ismijiet:

**TYRELL CORPORATION LIMITED (C – 66518)**

vs

**YIRUN EUROPE GmbH** soċjetà reġistrata ġewwa l-Ġermanja, b'numru ta' reġistrazzjoni HRB180571 B; u Apassionata World GmbH, soċjetà reġistrata ġewwa l-Ġermanja, b'numru ta' reġistrazzjoni HRB 174493 B

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fid-19 ta' Awwissu, 2020, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, r-rikorrenti Yirun Europe GmbH u Apassionata World GmbH (aktar 'il quddiem imsejħin "l-eżekutati") talbu li din il-Qorti (a)

tissospendi minnufih u b'mod provviżorju l-effetti kollha tal-Mandat sakemm tingħata deċiżjoni dwar jekk għandux jibqa' fis-seħħ; (b) tħassar għal kollox il-Mandat kawtelatorju ta' Sekwestru maħruġ kontrihom mill-intimata (aktar 'il quddiem imsejħa l-"eżekutanti") fit-3 ta' Awwissu, 2020, għall-finijiet tal-artikolu 836(1)(b) jew (f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; (ċ) tikkundanna lill-istess eżekutanti tħallashom penali għall-finijiet tal-artikolu 836(8)(d) ladarba l-ħruġ tal-Mandat kien wieħed miksub b'ħażen, b'mod fieragħ u maħsub biss biex idejjaq u kif ukoll id-danni mġarrba minnhom minħabba l-ħruġ tal-istess Mandat għall-finijiet tal-artikolu 836(9) tal-istess Kodiċi; (d) f'każ li ma ssibx li hemm raġuni għalfejn tħassar il-Mandat, li torbot lill-eżekutanti biex tressaq garanzija tajba taħt l-artikolu 838A tal-istess Kodiċi fiż-żmien u fis-somma li jogħġobha tiffissalha u biex, fin-nuqqas, tħassar il-Mandat; u (e) tordna li n-notifika ta' dan l-att issir fuq l-avukati tal-eżekutanti ladarba, minkejja li l-eżekutanti hija kumpannija reġistrata f'Malta, dik il-kumpannija ma għandha l-ebda uffiċjal tagħha jgħix f'Malta u, safejn jafu huma, lanqas ġewwa xi parti oħra mill-Unjoni Ewropeja;

Rat id-degriet tagħha tad-19 ta' Awwissu, 2020, li bih ordnat in-notifika lill-intimata eżekutanti u tatha ż-żmien imsemmi fl-artikolu 836(3) biex tressaq is-sottomissjonijiet tagħha għat-talbiet tal-eżekutati;

Rat id-degriet tagħha tal-25 ta' Settembru, 2020, li bih u wara talba li saritilha mill-eżekutati b'rikors tal-15 ta' Settembru, 2020, ordnat il-ħatra ta' Kuraturi Deputati biex jidhru għall-eżekutanti għall-finijiet ta' dawn il-proċeduri;

Rat id-degriet tal-14 ta' Ottubru, 2020, li bih l-Avukat Joseph P. Bonniċi u l-P.L. Peter Sammut inħatru Kuraturi Deputati tal-eżekutanti;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-Kuraturi Deputati fid-29 ta' Ottubru, 2020, li biha laqgħu għat-talbiet tal-eżekutati billi qalu li huma ma kinux edotti mill-fatti tal-każ u kienu qegħdin jirriżervaw li jagħtu tweġiba ulterjuri wara li jiksbu t-tagħrif xieraq mingħand l-eżekutanti;

Rat in-Nota mressqa mill-eżekutanti fl-4 ta' Novembru, 2020, li biha laqgħet għat-talbiet tal-eżekutati billi, għar-raġunijiet hemm imfissra b'dettal, qalet li l-kwestjoni dwar jekk il-Qrati Maltin kellhomx is-setgħa li jisimgħu l-kwestjoni li qamet bejn il-partijiet hija waħda li m'għandhiex tkun mistħarrġa u deċiża fi proċedura bħal din, iżda quddiem il-Qorti li quddiemha tressqet il-kawża fil-mertu u għadha qiegħda tinstema'. Fuq kollox, żiedet tgħid li kwestjoni bħal din mhijiex raġuni tajba biex jitħassar Mandat maħruġ minn Qorti f'Malta, ladarba l-pretensjoni li dwarha nħareġ il-Mandat kienet mibnija

fuq ftehim dwar trasferiment ta' ishma f'kumpannija[1]. Għalhekk, dwar it-talbiet tal-eżekutati, qalet li l-ebda waħda minnhom ma jmissha jew jistħoqqilha tintlaqa' għaliex, għall-kuntrarju ta' dak allegat mill-istess eżekutati, hemm raġunijiet tajbin u serji biżżejjed biex il-Mandat jinżamm fis-seħħ ħalli hi tkun tista' tħares il-pretensjonijiet ġudizzjarji tagħha dwar il-ftehim tat-trasferiment tal-ishma. Tikkontesta wkoll it-talbiet tal-eżekutati biex il-Qorti tordnalha tressaq garanzija biex il-Mandat jibqa' fis-seħħ u kif ukoll it-talbiet għall-kundanna tal-penali u l-ħlas tad-danni;

Rat l-atti kollha tar-Rikors u tal-Mandat kawtelatorju li għalih jirreferi;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni maħsuba taħt l-artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Ir-rikorrenti eżekutati jridu li jitneħħew għal kollox l-effetti ta' Mandat kawtelatorju ta' Sekwestru maħruġ kontrihom mill-eżekutanti fit-3 ta' Awwissu, 2020, u dan għall-finijiet tal-artikoli 836(1)(b) u/jew (f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan minħabba li l-pretensjonijiet li dwarhom inħareġ l-imsemmi Mandat ma jaqgħux taħt is-setgħat tal-Qrati f'Malta billi l-kwestjoni bejn il-partijiet hija suġġett ta' proċeduri ta' arbitraġġ fil-Ġermanja u dwarhom diġà ngħataw deċiżjonijiet mill-Qrati ġermaniżi li jagħmlu l-pretensjonijiet vantati mill-eżekutanti mhux biss bla bażi, imma lanqas jilħqu l-grad tal-*prima facie*. Minħabba li l-eżekutati jqisu li l-Mandat inħareġ b'mod fieragħ, b'mod vendikattiv u bil-ħsieb li jittanta jġibhom f'qagħda finanzjarja aktar imwiegħra, iridu li l-Qorti tikkundanna lill-eżekutanti tħallashom penali u kif ukoll id-danni. Fl-aħħarnett, qegħdin jitolbu li, f'każ li din il-Qorti ma ssibx li l-Mandat għandu jitħassar, għandha tordna lill-eżekutanti tressaq garanzija biex tagħmel tajjeb għall-ħlas tal-penali u tad-danni;

Illi, qabel kull ħaġ'oħra, l-Qorti tippreċiża li l-eżekutati saħqu sa mill-bidunett li huma ressqu din il-proċedura tallum "bla ebda sottomissjoni għall-ġurisdizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti jew aċċettazzjoni da parti tas-soċjetajiet esponenti illi t-talbiet fil-mandat ta' sekwestru u fil-mertu setgħu u jistgħu jiġu mistħarrġa minn Qorti Maltija";

Illi, minbarra dan, fl-**ewwel talba tagħhom**, l-eżekutati talbu li "b'mod immedjat u provviżorju" din il-Qorti "tissospendi l-effetti kollha tal-

[1] Da Vinci Publishing Limited

Mandat, "sakemm jiġi deċiż il-Mandat odjern". L-eżekutati ma wrew bl-ebda mod kif qorti tista' tissospendi l-effetti ta' Mandat kawtelatorju ladarba nħareġ jew bis-saħħa ta' liema dispożizzjoni tal-liġi jista' jintalab u jintlaqa' li jsir dan[2]. Jidher li r-rimedju waħdieni li tagħti l-liġi huwa t-tħassir ta' Mandat jekk kemm-il darba jintwerew raġunijiet tajba biex dan iseħħ: iżda sakemm dan iseħħ, Mandat maħruġ bl-awtorità ta' qorti jibqa' jgawdi l-effetti kollha tiegħu u ma tista' ssir l-ebda oppożizzjoni għall-esekuzzjoni tiegħu ħlief wara li tkun saret tali esekuzzjoni;

Illi għalhekk il-Qorti tqis li l-ewwel talba hija irrita u mhix se tilqagħha;

Illi dwar it-**tieni talba** għat-tħassir tal-Mandat, l-eżekutati jsejsuha fuq żewġ kawżali: (a) li waħda mill-ħtiġijiet tal-liġi għall-ħruġ tal-Mandat m'għadhiex fil-fatt teżisti; u (ċ) li, fiċ-ċirkostanzi, mhuwiex raġonevoli li l-Mandat jibqa' fis-seħħ;

Illi, kif ingħad bosta drabi fi proċeduri bħal dawn, l-istħarriġ li għandha tagħmel il-Qorti huwa biss wieħed *prima facie* u dan għaliex il-mertu jmissu jiġi mistħarreġ fil-kawża proprja bejn il-partijiet[3]. Għalhekk, hija l-fehma tal-Qorti li mhuwiex meħtieġ li tifli fil-mertu l-kwestjonijiet li nqalgħu bejn il-partijiet u li wasslu għall-ħruġ tal-Mandat. Bħala fatt jirriżulta li bħalissa quddiem din il-Qorti (diversament presjeduta) qiegħda tinstema' kawża li l-eżekutanti fetħet kontra l-eżekutati[4], u din il-Qorti se tara li bl-ebda mod ma tirfes fuq il-kwestjonijiet li jinsabu quddiem dik il-Qorti – imqar jekk fl-aspetti preliminari jew proċedurali tagħha – jew tagħti xi fehma li b'xi mod tista' tolqot is-suġġetti dibattuti u mistħarrġa f'dik il-kawża;

Illi minn <u>dak li jirriżulta mill-atti</u> u li huwa rilevanti għad-determinazzjoni ta' dawn il-proċedimenti, joħroġ li l-Mandat relattiv inħareġ kontra r-rikorrenti eżekutati fit-3 ta' Awwissu, 2020, u kien mitlub li jkun notifikat lil ħmistax-il (15) sekwestratarju – li tnejn minnhom biss kienu banek f'Malta u l-bqija entitajiet jew istituzzjonijiet finanzjarji fil-Ġermanja. Il-Mandat inħareġ dakinhar li ntalab. Mill-atti tal-Mandat, joħroġ li kien sekwestratarju wieħed biss li fid-19 ta' Ottubru, 2020, bagħat avviż lir-Reġistratur tal-Qorti biex jgħid jekk kellux f'idejh assi tas-sekwestrati eżekutati;

Illi l-Mandat intalab dwar "sorti" ta' miljun u ħames mitt elf euro (€1,500,000) bil-kawżali titfisser bħala "is-sorti pretiż rappreżentanti dik il-parti

---

[2] Id-dispożizzjonijiet tal-art. 875(2) tal-Kap 12 li jirreferu għall-ħruġ provviżorju ta' Mandat ta' Inibizzjoni ma jidhirx li jgħoddu għal xi mandat ieħor u żgur ma jagħtux is-setgħa lil xi qorti li tissospendi Mandat wara l-ħruġ tiegħu

[3] Ara P.A. RCP **7.2.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Visa Investments Ltd. vs Blye Engineering Co. Ltd***

[4] Rik. Nru. 744/20TA miftuħa fil-21.8.2020 u li tinsab imħollija għat-2.2.2021 għall-eżami tar-Risposta Maħlufa tal-eżekutati u għall-kontinwazzjoni

tal-kunsiderazzjoni li saret dovuta lis-soċjetà sekwestranta f'nhar il-31 ta' Marzu 2020 u dan ai termini ta' klawsola numru 1 (*'Section 1 Sale and Purchase*) u 2 (*Section 2 Purchase Price*) ta' *Share Purchase and Transfer Agreement*, liema ftehim huwa soġġett għal-liġi Maltija u għall-ġurisdizzjoni tal-Onor. Qrati Maltin u liema konsiderazzjoni, skond l-istess *Share Purchase and Transfer Agreement*, kellha titħallas skont il-modalità u d-delega miftehma f'klawżola numru 17 tal-ftehim hawn anness, liema parti tal-ftehim ma tħallsitx. Ai termini tal-istess klawżola 17, is-soċjetajiet sekwestrati huma responsabbli *in solidum* għall-kunsiderazzjoni dovuta";

Illi l-eżekutanti talbu u kisbu l-awtoriżżazzjoni ta' din il-Qorti biex jeżegwixxu l-Mandat ukoll fil-Ġermanja;

Illi l-Qorti issa sejra tgħaddi biex tqis <u>l-aspetti ta' dritt li jsawru l-każ</u> u dan skond il-kawżali speċifiċi tal-liġi li fuqhom ir-rikorrenti ressqu t-talbiet tagħhom. Qabel xejn, jerġa' jingħad li dak li din il-Qorti trid tasal għalih f'din il-proċedura m'għandu bl-ebda mod jitqies li jkun qiegħed isir xi ġudizzju fil-mertu dwaru. L-istħarriġ meħtieġ fi proċedura bħal din huwa marbut ma' eżami x'aktarx formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir. Il-Qorti għandha tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nħariġx b'mod abbużiv[5]. Dan qiegħed jingħad l-aktar minħabba li l-eżekutati jsemmu li l-mertu tal-kwestjoni dwar jekk il-Mandat messux inħareġ minn qorti f'Malta jew jekk kienx hemm provvedimenti mogħtijin minn qrati f'pajjiż ieħor jaffettwawx dak il-ħruġ huwa diġà determinat. F'din il-proċedura, l-Qorti ma tistax u ma jmisshiex tgħarbel dawn il-provi u s-sottomissjonijiet għar-rigward għaliex b'hekk tkun qiegħda tidħol f'eżerċizzju qabel waqtu li jrid isir (safejn jibqa' rilevanti) waqt is-smigħ tal-kawża fil-mertu mill-Qorti li quddiemha hemm il-kawża;

Illi r-rikorrenti eżekutati jsemmu żewġ kawżali li dwarhom jew xi waħda minnhom jistennew li t-talbiet tagħhom jitqiesu minn din il-Qorti:

A) <u>Il-kawżali li waħda mill-ħtiġiet tal-liġi għall-ħruġ tal-Mandat m'għadhiex teżisti</u> [Art. 836(1)(b)]. L-eżekutati jgħidu li l-Qrati Maltin ma kellhomx is-setgħa li jilqgħu t-talba tal-eżekutanti biex jinħareġ il-Mandat. Jgħidu li l-kwestjoni kollha bejn il-partijiet tinbena fuq ftehim – is-*Settlement Agreement* tal-1 ta' Marzu, 2019 (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "it-Transazzjoni") – li bih il-partijiet waslu f'arranġament dwar kif kellu jsir il-ħlas bħala korrispettiv tat-trasferiment tal-ishma (li huwa s-suġġett ta' ftehim ieħor imsejjaħ *Share Purchase and Transfer Agreement* – li minn issa 'l hemm se jissejjaħ "iċ-Ċessjoni") li l-eżekutanti kellha f'kumpannija jisimha DaVinci

[5] Kumm GMA **23.6.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Ħili et vs Dr. Joselle Farruġia noe et*** (mhix pubblikata)

Publishing Limited. L-eżekutati jgħidu li l-kwestjoni tal-ħlas kienet regolata mit-Transazzjoni u li ċ-Ċessjoni kienet subordinata għat-Transazzjoni li tħoll u torbot. Fit-Transazzjoni, il-partijiet qablu li kienet il-liġi ġermaniża li tirregola dak il-ftehim u li kull kwestjoni li tqum bejniethom taħt it-Transazzjoni kellha titressaq għal arbitraġġ fil-Ġermanja. L-eżekutati jgħidu li, fil-fatt, tnedew proċeduri ta' arbitraġġ fil-Ġermanja minħabba li tabilħaqq inqalgħu kwestjonijiet marbuta mal-ħlas miftiehem fit-Transazzjoni u saħansitra mas-siwi tal-istess Transazzjoni. Minħabba f'hekk, jgħidu li l-partijiet eskludew għal kollox is-setgħa tal-Qrati f'Malta u dan jgħodd ukoll għat-talba u l-ħruġ ta' atti ġudizzjarji minn dawn il-Qrati;

Illi l-eżekutanti tmieri bil-qawwa dan l-argument. Hija tisħaq li l-pretensjonijiet tagħha fil-ħruġ tal-Mandat kienu msejsa għal kollox fuq is-saħħa taċ-Ċessjoni, u mhux fuq it-Transazzjoni. Tisħaq li ċ-Ċessjoni hija ftehim għal rasu mit-Transazzjoni u l-kawża li fetħet quddiem il-qrati f'Malta kontra l-eżekutati hija waħda espressament mibnija fuq iċ-Ċessjoni li tirrigwarda t-trasferiment ta' ishma f'kumpannija reġistrata f'Malta, u mhux fuq it-Transazzjoni. Iżżid tgħid li fil-ftehim ta' Ċessjoni l-partijiet (magħduda l-eżekutati nfushom) qablu li kellha tgħodd il-liġi ta' Malta. Minbarra dan, tgħid li kwalunkwe kwestjoni dwar setgħat ta' qrati jew il-ġurisdizzjoni tagħhom mhijiex ħaġa li tista' titqajjem fi proċedura bħal din tallum dwar it-tħassir ta' Mandat maħruġ u eżegwit;

Illi għal dak li jirrigwarda s-sub-inċiż (b) tal-artikolou 836(1) tal-Kapitolu 12, il-Qorti tifhem li din id-dispożizzjoni, skond il-kliem użat fiha, ġiet imfissra bħala riferenza għal xi waħda mill-ħtiġijiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju li kienet teżisti fil-waqt tal-ħruġ tal-istess att iżda li, wara l-ħruġ tal-istess Mandat, ma baqgħetx teżisti iżjed[6]. Għalhekk, jekk wieħed irid jimxi ma' tali tifsira, wieħed irid juri li l-ħtieġa għall-ħruġ tal-Mandat trid tkun naqset wara li nħareġ l-att;

Illi l-ħtiġiet li l-liġi proċedurali titlob sabiex persuna tista' toħroġ Mandat kawtelatorju huma li (a) jkollha pretensjoni ta' dritt kontra l-persuna li dwarha jinħareġ il-Mandat; (b) li (flimkien mal-att jew fi żmien preskritt wara) ssir kawża li fiha tiġi mistħarrġa sewwasew dik il-pretensjoni ta' dritt, (ċ) li l-Mandat irid ikun iħares ir-rekwiżiti mitluba mil-liġi dwar il-ħruġ tiegħu u (d) li tali Mandat jinħareġ u jiġi esegwit taħt ir-responsabbiltà tal-persuna li tkun talbitu;

Illi minn dak li għandha quddiemha l-Qorti f'dawn l-atti, jidher li l-Mandat attakkat baqa' jħares dak li titlob il-liġi minn kull Mandat kawtelatorju

[6] Ara P.A. GC **3.8.2001** fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet ***Dr. Tonio Fenech noe et vs Dr. Patrick Spiteri noe et noe***

għas-siwi tal-ħruġ tiegħu. Dan jingħad kemm fir-rigward tal-allegazzjoni tal-eżekutati li jgħidu li l-Mandat ma messu nħareġ qatt u kif ukoll għaliex ma ressqu l-ebda prova biex juru kif, wara li nħareġ il-Mandat, kien hemm xi ċirkostanza li bis-saħħa tagħha ġiet nieqsa xi waħda mill-ħtiġijiet tal-liġi għall-ħruġ tiegħu. Għall-kuntrarju, bil-fatt li l-eżekutanti fetħet il-kawża quddiem din il-Qorti biex tiddeduċi l-pretensjonijiet tagħha taħt il-Mandat jista' jingħad li aktar issaħħet ir-raġuni għaliex il-Mandat baqa' meħtieġ. Il-Qorti tqis ukoll li l-kwestjoni tas-setgħa tal-Qrati f'Malta biex jieħdu konjizzjoni tal-pretensjonijiet tal-eżekutanti hija waħda li postha huwa quddiem il-Qorti li quddiemha tressqet dik il-kawża. Wara li qieset il-fatti li kollha li kellha quddiemha u s-sottomissjonijiet tal-eżekutati u tal-eżekutanti, il-Qorti ssib li ma ntweriex, mad-daqqa t'għajn, li t-talba għall-ħruġ tal-Mandat ma kinitx waħda f'lokha;

Illi, għalhekk, il-Qorti ssib li l-eżekutati ma seħħilhomx juruha raġuni tajba għaliex il-Mandat għandu jitħassar taħt din il-kawżali;

B) <u>Jintwera li fiċ-ċirkostanzi mhuwiex raġonevoli li l-mandat jinżamm fis-seħħ jew li huwa ġustifikabbli</u> [Art. 836(1)(f)]. Dwar din il-kawżali, l-eżekutati ma jsemmu xejn aktar minn dak li jsemmu taħt il-kawżali ta' qabilha. Kemm hu hekk, jinqdew bl-istess argument tan-nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin fuq is-saħħa tat-Transazzjoni u l-klawsoli partikolari tagħha. L-istess ħaġa jista' jingħad għas-sottomissjonijiet tal-eżekutanti;

Illi fl-ewwel lok, l-eżekutati hawnhekk ukoll ma wrewx li kien hemm xi ċirkostanza li ġrat wara li nħareġ il-Mandat li bis-saħħa tagħha naqset jew intemmet il-ħtieġa li l-Mandat jinżamm fis-seħħ[7]. Dwar jekk huwiex raġonevoli li l-Mandat jitħalla fis-seħħ, biżżejjed jingħad li jekk, 'il quddiem, il-Qorti li ser tqis il-kwestjoni fil-mertu tasal għall-fehma li l-eżekutanti m'għandhiex jedd għall-kreditu minnha pretiż, xorta waħda ma jistax jingħad li l-Mandat ma kienx ġustifikat. Is-suċċess jew telfien ta' kwestjoni fil-mertu ma tista' qatt tfisser li Mandat kawtelatorju nħareġ b'mod vessatorju jew fieragħ[8]. Allura, fil-fehma ta' din il-Qorti, il-kwestjoni ta' jekk huwiex raġonevoli li Mandat kawtelatorju jinżamm fis-seħħ jew jekk huwiex meħtieġ jew ġustifikabbli li tali Mandat jinżamm fis-seħħ ma tiddependi xejn mill-eventwali ċaħda tal-kawżali fil-mertu tat-talbiet tal-intimata eżekutanti;

Illi f'dan l-istadju tal-proċedura, l-Qorti ttenni li ma tistax toqgħod fuq is-sottomissjonijiet tal-eżekutati. Jekk tagħmel hekk, tkun qiegħda impliċitament taqta' dwar kwestjoni li issa tinsab quddiem il-Qorti kompetenti

[7] L-affidavit btal-Avukat Ruben Hofmann ma jsemmi l-ebd ġrajja partikolari li seħħet wara l-ħruġ tal-Mandat li setgħet tinċidi fuq dan, ara Dok "YE", f'paġġ. 11 – 5 tal-atti

[8] Ara, per eżempju, PA JSP **10.1.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri vs Camilleri*** u P.A. RCP **30.5.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Yorkie Clothing Industry Limited vs Dr Lilian Calleja Cremona***

biex tiddeċidiha. Fit-tieni lok, fin-nuqqas ta' kull prova oħra, ma jidhirx irraġonevoli li l-eżekutanti tippretendi s-somma msemmija fil-Mandat bħala l-bilanċ tal-ħlas li tallega li kien dovut isirilha (lil hinn minn jekk dak l-ammont miftiehem kienx għadu dovut bis-saħħa taċ-Ċessjoni jew tat-Transazzjoni). Għalhekk din il-Qorti ssib li ma hemm xejn irraġonevoli, inġustifikat jew mhux meħtieġ li l-Mandat jibqa' fis-seħħ;

Illi fuq dan il-mottiv ukoll, il-Qorti jkollha ssib li l-eżekutati ma tawhiex raġuni tajba biex tħassar il-Mandat in kwestjoni;

Illi r-rikorrenti eżekutati talbu wkoll ir-rimedju tal-kundanna tal-eżekutanti għall-ħlas ta' penali[9] u tal-kundanna għall-ħlas tad-danni[10]. Il-Qorti sejra issa tipprovdi dwar dawn it-talbiet;

Illi dwar il-kwestjoni tal-impożizzjoni tal-penali, irid jingħad li din hija sanzjoni fakoltattiva. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, tista' taqbel li tgħabbi lil min ikun ħareġ Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' ħlas ta' penali. Minbarra li tali impożizzjoni hija fakultativa[11], irid jintwera għas-sudisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin mil-liġi biex tali sanzjoni tiġi imposta. Erbgħa (4) huma ċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi f'dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, għandhom jitqiesu strettament bħala tassattivi[12]. F'dan il-każ, jidher li l-eżekutati jsemmu ċ-ċirkostanza maħsuba taħt l-artikolu 836(8)(d) tal-Kapitolu 12, jiġifieri jekk it-talba tal-parti għall-ħruġ tal-Mandat kenitx waħda malizzjuża, fiergħa jew sempliċement biex iddejjaq;

Illi dwar din iċ-ċirkostanza, l-eżekutati jibnu t-talba tagħhom fuq l-argument li l-eżekutanti ma kellha l-ebda pretensjoni kontra tagħhom x'tikkawtela u li l-Mandat inħareġ b'mod fieragħ għaliex, f'kull każ, il-pretensjonijiet tagħha huma diġà kawtelati biżżejjed bi proċeduri li hija nediet kontra tagħhom fil-Ġermanja li bis-saħħa tagħhom ikkawtelat l-istess pretensjonijiet tagħha;

Illi l-eżekutanti twarrab dan l-argument u tgħid li l-pretensjonijiet tagħha fil-Mandat kien jeħtiġilhom jitħarsu sewwasew għaliex l-eżekutati qegħdin jinqdew bil-litigazzjoni fil-Ġermanja dwar it-Transazzjoni bil-għan li jevitaw li jħallsu dak li hu dovut lilha. Tiċħad li mxiet b'ħażen jew għal raġuni fiergħa, u tisħaq li mxiet skond kif titlob il-liġi;

---

[9] Taħt l-art. 836(8) tal-Kap 12
[10] Taħt l-art. 836(9) tal-Kap 12
[11] P.A. RCP **29.11.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Vincent Merċieca vs George Galea***
[12] Ara P.A. TM **13.3.2003** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Cole Foods Ltd. vs Euro Imports Ltd.***

Illi l-Qorti diġà qieset li ntwera li ma jeżistux ir-raġunijiet għat-tħassir tal-Mandat u li l-eżekutanti għandha mad-daqqa t'għajn raġuni tajba biżżejjed biex setgħet titlob il-ħruġ tiegħu u żżommu fis-seħħ. Dan iġib l-effett li ma jistax jingħad li l-Mandat inħareġ b'ħażen, jew għal raġuni fiergħa jew inkella bil-ħsieb biss li iddejjaq lir-rikorrenti eżekutati;

Illi għalhekk il-Qorti, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet diġà magħmula iżjed 'il fuq, tasal għall-fehma li ma jirriżultawx iċ-ċirkostanzi għall-impożizzjoni tal-penali minħabba l-ħruġ tal-Mandat[13]. F'dan il-każ, il-Qorti sejra timxi wkoll fuq il-massima li l-bona fede hija preżunta u li l-ħażen irid jiġi ippruvat[14];

Illi, għalhekk, fid-dawl taċ-ċirkostanzi kollha li joħorġu mill-atti, u wara li l-Qorti ħasbet sewwa u fit-tul fuq il-kwestjoni, ma jidhirx li huwa l-każ fejn l-eżekutanti għandha tkun ikkundannata tħallas xi penali lill-eżekutati minħabba t-talba tagħha għall-ħruġ tal-Mandat. Dan, naturalment, jingħad dejjem bla ħsara għal kull jedd talvolta spettanti lill-istess rikorrenti eżekutati li 'l quddiem u fis-sedi xierqa jressqu pretensjonijiet kif imiss jekk, wara l-kawża fil-mertu, jirriżultaw fatti li din il-Qorti f'dan l-istadju ma tafx bihom;

Illi dwar il-kwestjoni tal-kundanna għall-ħlas tad-danni, l-Qorti ma jidhrilhiex li talba bħal din għandha tintlaqa' bil-mod kif saret. Hija l-fehma sħiħa tagħha li talba bħal din tista' ssir biss b'azzjoni ġdida għaliha (illum il-ġurnata permezz ta' Rikors Maħluf) u mhux fil-qafas ta' rikors għat-tħassir ta' Mandat kawtelatorju. Kemm hu hekk, sa ma fl-2005 saru l-bidliet fil-liġi tal-proċedura u fl-atti li bihom jitressqu l-kawżi, l-artikolu 836(9) kien jirreferi għal "ċitazzjoni". Bil-bidla korrispondenti li saret bl-imsemmija emendi, dan ifisser li r-"rikors" li għalih illum jirreferi l-artikolu 836(9) irid ikun fis-sura tar-Rikors Maħluf maħsub fl-artikolu 156 tal-Kodiċi, li m'għandu x'jaqsam xejn mar-rikors imressaq mir-rikorrenti eżekutati f'dan il-każ;

Illi, minbarra dan, il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni magħmula mill-eżekutanti li tgħid li d-danni maħsuba taħt dan is-sub-inċiż iridu jkunu mnisslin minn xi waħda mill-erba' ċirkostanzi msemmija fis-sub-inċiż ta' qablu. Kemm hu hekk, l-artikolu 836(9) jiftaħ bil-kliem "Fil-każijiet li jaqgħu taħt is-subartikolu ta' qabel dan…". Ladarba, għalhekk, ma ntwera li tirriżulta l-ebda ċirkostanza msemmija fl-artikolu 836(8), din il-Qorti ma tarax kif għandha ssib lill-eżekutanti passibbli għall-ħlas ta' danni li, wkoll kieku ma kienx meħtieġ li ssir bi proċedura oħra, ma ġew bl-ebda mod imfissra fir-rikors tallum mill-eżekutati;

---

[13] P.A. TM **5.6.2003** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Emanuel Sammut et vs Josephine Sammut***
[14] Ara, per eżempju, App. Ċiv **7.7.1920** fil-kawża fl-ismijiet ***Miller Blacker pro et noe vs Howard*** (Kollez. Vol: **XXIV.i.554**)

Illi għalhekk, il-Qorti ssib li t-talba għall-kundanna tad-danni taħt l-artikolu 836(9) hija irritwali għall-finijiet tal-artikolu 164(1) tal-Kodiċi;

Illi dwar it-talba tar-rikorrenti eżekutati għall-għoti ta' garanzija irid jingħad li l-liġi trid li lill-Qorti tintwera "kawża ġusta" biex twassalha tqiegħed fuq il-parti eżekutanti ta' Mandat kawtelatorju l-piż li toffri garanzija tajba. Il-fatt waħdu li jkun inħareġ il-Mandat ma jitqiesx bħala "kawża ġusta" għall-finijiet ta' dan l-artikolu[15]. Irid ikun hemm raġunijiet oħrajn, iżjed serji u impellenti, li jwasslu lill-Qorti tagħti dik is-sanzjoni, x'aktarx imsejsin fuq il-ħtija kif imfissra fl-artikoli 1031 u 1032 tal-Kodiċi Ċivili[16];

Illi ngħad ukoll li d-danni li għalihom jirreferi l-artikolu taħt eżami huma dawk li l-eżekutat jista' jipprova li jkun ġarrab direttament minħabba l-ħruġ tal-att kawtelatorju u bħala konsegwenza ta' tali ħruġ[17], u dment li jikkonkorru l-elementi mitluba mil-liġi għal tali likwidazzjoni;

Illi l-ammont tal-garanzija li jrid jiġi iffissat irid iżomm bilanċ xieraq bejn il-jedd li persuna tressaq att kawtelatorju biex tħares il-pretensjonijiet tagħha f'kawża pendenti, u l-effett li tali att iħalli fuq il-persuna li kontra tagħha jinħareġ dak il-Mandat. Ta' min jgħid hawnhekk li l-ordni biex tingħata garanzija mhijiex l-istess bħal kundanna ta' penali jew kundanna għall-ħlas ta' danni: l-għan waħdieni tagħha huwa li tqiegħed lill-parti eżekutata f'qagħda li, meta u jekk tintemm proċedura jew kawża għal dan il-għan, issib assi li fuqhom tkun tista' teżegwixxi deċiżjoni favorevoli għaliha;

Illi, b'żieda ma' dan kollu, talba għall-għoti ta' garanzija taħt l-artikolu 838A tal-Kap 12 tista' tintlaqa' biss, bħal f'dan il-każ tallum, fejn ma tkunx intlaqgħet it-talba għat-tħassir tal-Mandat;

Illi l-eżekutati jgħidu li t-talba tagħhom hija mistħoqqa għaliex il-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat ser iħallu effetti detrimentali għalihom fid-dawl tal-għamla ta' negozju li jmexxu u l-ħsara u t-tnaqqis qawwi ekonomiku b'effett tal-pandemija. Biex isaħħu dan l-argument, l-eżekutati jgħidu li fil-kwestjonijiet għaddejjin bejn il-partijiet quddiem il-qrati fil-Ġermanja, dawk il-Qrati ħelsuhom milli jagħtu l-garanziji dwar il-proċedimenti mnedijin minnhom kontra l-eżekutanti, u, minflok, għabbew lill-eżekutanti li tagħti hi garanzija li tammonta għal mija u għaxra fil-mija (110%) tal-ammont li hija tippretendi bi ħlas mingħandhom taħt il-ftehim. Itemmu jgħidu li, bil-fatt li l-Mandat huwa fis-seħħ u bin-notifika tiegħu lis-sekwestratarji fil-Ġermanja, huma se jġarrbu ħsara kbira għaliex il-Gvern Ġermaniż ma jikkunsidrax li jagħtihom self u

[15] Ara P.A. GC **4.10.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Paul Caruana vs Rudolphe Gaerty***
[16] Ara P.A. TM **18.9.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***John Żarb vs Port Cottonera Ltd.***
[17] Ara P.A. GC **2.3.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Avukat Vincent Falzon noe vs Alex Sullivan***

għajnuna finanzjarja bħala miżuri rimedjali minħabba l-effetti tal-pandemija, jekk kemm-il darba u sakemm idum fis-seħħ il-Mandat;

Illi l-eżekutanti ttenni li ma hemm l-ebda raġuni tajba biex din il-Qorti tilqa' t-talba tal-eżekutati f'dan ir-rigward. Tqis li huwa ironiku li, wara li l-eżekutati stqarrew li, minħabba l-effetti ekonomiċi ħżiena miġjuba mill-pandemija, nħelsu mill-Qrati fil-Ġermanja li jagħtu garanzija dwar il-proċeduri mnedija minnhom kontriha, issa jippretendu li din il-Qorti tilqa' t-talba tagħhom biex torbot lill-eżekutanti b'garanzija bħal din. Tqis li, b'dan il-mod, l-eżekutati jkunu qegħdin jingħataw benefiċċju doppju;

Illi wara li qieset il-fatti kollha il-Qorti ssib li l-eżekutati seħħilhom juruha fil-grad tal-*prima facie* li hemm tabilħaqq raġuni tajba li twassalha biex tordna lill-intimata eżekutanti tintrabat bil-garanzija maħsuba fl-artikolu 838A tal-Kap 12. Din iċ-ċirkostanza toħroġ mill-fatt li l-eżekutanti ma ntweriex li għandha ġid jew assi f'Malta[18] u lanqas jidher li hawn persuna jew uffiċjal tagħha f'Malta f'kull waqt, kif jixhed it-taħbit kbir li l-eżekutati kellhom biex jinnotifikawha bl-atti ta' din il-proċedura u kif kellhom iduru għall-ħatra ta' Kuraturi Deputati sewwasew biex l-atti jkunu integri. B'żieda ma' dan, il-fatt li saret l-eżekuzzjoni ta' dan il-Mandat ukoll barra minn Malta, wieħed jifhem li l-effetti fuq it-tmexxija tan-negozju tal-eżekutati f'dak il-pajjiż ħadu tisbita mhux traskurabbli;

Illi, min-naħa l-oħra, l-eżekutati ma ressqu l-ebda ħjiel tal-entità jew daqs tat-telf ta' benefiċċji li huma jgħidu li kienu jkunu intitolati għalihom min-naħa tal-Gvern Ġermaniż dwar għajnuna jew sussidju mogħti minħabba l-pandemija u li joħorġu bħala effett dirett tal-ħruġ tal-Mandat. Lanqas ma jidhrilha li l-kejl tal-garanzija għandu jkun fil-grad suġġerit fuq il-linji stabbiliti minn Qorti Ġermaniża fi provvediment li tat fil-proċeduri li kienu għaddejjin bejn il-partijiet;

Illi wara li qieset il-fatti kollha tal-każ u tas-sottomissjonijiet magħmula mill-partijiet, il-Qorti qiegħda tasal għall-fehma li għandha tordna t-tqegħid min-naħa tal-eżekutanti ta' garanzija xierqa biex tagħmel tajjeb għall-eventwalità ta' ħsara, imgħax u spejjeż li r-rikorrenti eżekutati jistgħu juru li ġarrbu minħabba l-ħruġ tal-Mandat. Il-Qorti qiegħda tistabilixxi tali garanzija fis-somma ta' mitejn u ħamsin elf euro (€ 250,000), liema garanzija għandha titressaq fi żmien għoxrin (20) jum minn dak inhar li kopja ta' dan il-provvediment tkun notifikata lill-Kuraturi Deputati maħtura biex jidhru għall-eżekutanti, liema notifika għandha ssir mill-eżekutati u bi spejjeż għalihom. Jekk il-garanzija ma titressaqx, il-Mandat għandu jitħassar;

---

[18] Ara P.A. GCD **8.4.1997** fl-atti tar-rikors fl-ismijiet ***Avv. Dr. Victor Borġ Grech noe vs Victor Cavalov bħala kaptan tal-vapur M/v Plopeni*** (mhix pubblikata)

Illi għalhekk il-Qorti sejra tilqa' r-raba' talba tar-rikorrenti eżekutati;

Illi fir-rigward tal-ħames talba, il-Qorti tqis li l-mertu tagħha huwa eżawrit fid-dawl tad-digrieti tagħha tal-10 ta' Settembru, 2020[19] u tal-25 ta' Settembru, 2020[20]

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tipprovdi dwar ir-Rikors tar-rikorrenti eżekutati billi:

**Tiċħad l-ewwel talba** tagħhom għaliex irritwali;

**Tiċħad it-tieni u t-tielet talbiet** tagħhom għaliex ma jirriżultawx mistħoqqa fil-fatt u lanqas fid-dritt;

**Tilqa' r-raba' talba** tagħhom u tordna li l-intimata eżekutanti Tyrell Corporation Limited tressaq garanzija bankarja tajba għall-ammont ta' mitejn u ħamsin elf euro (€ 250,000) għall-finijiet tal-artikolu 838A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta fi żmien għoxrin (20) jum minn dakinhar li ssir in-notifika tal-istess eżekutanti jew il-Kuraturi Deputati bil-mod li ssemma aktar 'il fuq, u, fin-nuqqas, tordna t-tħassir tal-Mandat;

**Tastjeni milli tqis il-ħames talba** fid-dawl tal-provvedimenti li tat fir-rigward; u

**Tordna** li l-**ispejjeż ta' din il-proċedura** jinqasmu bejn il-partijiet f'żewġ terzi ($^{2}/_{3}$) għall-istess rikorrenti eżekutati u terz ($^{1}/_{3}$) għall-intimata eżekutanti.

Mogħti kameralment illum, il-Ħamis, 14 ta' Jannar, 2021.

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.**
**Imħallef**

Komunika: Rikorrenti eżekutati: Av. Paul Micallef Grimaud
Intimata eżekutanti: Av. Joseph P. Bonniċi u P.L. Peter Sammut (Kuraturi Deputati)

(Kopja għan-notifika lill-partijiet)

---

[19] Paġ. 109 tal-atti
[20] Paġ. 116 tal-atti